



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2013/2128 (INI)

2.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-konsegwenzi lokali u reġjonali tal-iżvilupp ta' grids intelliġenti
(2013/2128(INI))

Rapporteur (*): Marita Ulvskog

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Jinnota li l-grids intelliġenti huma r-risultat tar-rwol dejjem akbar tas-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) fl-immaniġġjar tan-netwerk tas-settur tal-enerġija u li għandu jitħeġġeġ li jkun hemm aktar kooperazzjoni u sinerġiji bejn dawn is-setturi, pereżempju fir-rigward tal-użu effiċjenti tal-ispettru tar-radju madwar l-Ewropa u funzjonijiet intelliġenti tal-enerġija "fl-internet tal-Oġġetti" tal-futur; jitlob lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura l-mobilizzazzjoni u t-tħaddim koerenti u effiċjenti tal-grids intelliġenti; jinnota bi tħassib il-kwistjonijiet serji mqajma minn tali sinerġiji f'termini ta' protezzjoni u privatezza tad-data, tariffi mizjudi, u għall-operaturi tan-netwerk tal-enerġija li potenzjalment ikunu f'sitwazzjoni fejn ikollhom jixtru data minn kumpaniji tat-telekomunikazzjoni biex jissodisfaw ir-responsabbiltà fundamentali tagħhom - dik li joperaw, iżommu u jiżviluppaw sistema effiċjenti tad-distribuzzjoni tal-elettriku;
2. Jenfasizza li l-ammont li qed jiżdied fl-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-provvista Ewropea tal-elettriku johlq il-ħtieġa l-infrastruttura eżistenti tal-grids u l-IT titkabbar u li għalhekk jinħtieġ li jkun hemm investiment akbar fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll standardizzazzjoni Ewropea mgħaġġla.
3. Jenfasizza l-għadd ta' benefiċċji tal-grids intelliġenti sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, iżidu s-sehem tal-enerġija rinnovabbli u l-ġenerazzjoni distribwita, jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija għad-djar, joħlqu kundizzjonijiet għall-użu effiċjenti tal-elettriku fit-trasport, fejn jagħtu lill-konsumaturi l-abiltà li jadattaw il-konsum tagħhom sabiex jibbenefikaw mill-orħos prezzi u fl-istess ħin jiffrankaw l-enerġija, itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, jiffrankaw l-elettriku, inaqqsu investimenti għaljin fil-grids tal-elettriku billi jevitaw li jikkonsumaw l-elettriku f'perjodi ta' konsum intensiv, jagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-iżvilupp tat-teknoloġija fl-UE, iħeġġu lill-konsumaturi jsiru "prosumaturi" li jipproduċu l-enerġija tagħhom stess u jbigħu ż-żejjed lura fis-suq jew jirċievu krediti għall-elettriku, bl-użu ta' metraġġ nett; jirrimarka, ukoll, li l-iżvilupp u l-użu tal-grids intelliġenti jnaqqas sew it-telf tal-enerġija matul it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni jenfasizza li konfigurazzjoni awtomatika mill-ġdid tal-grid tista' tintuża biex tipprevjeni jew tirristawra qtugħ fil-provvista (kapaċitajiet awtorigenerabbli); għalhekk jenfasizza l-importanza li jitqiesu l-pożizzjoni tagħhom fl-intersezzjoni ta' politiki ambjentali u tal-enerġija billi jniedu proċess ta' revizzjoni u razzjonalizzazzjoni tal-leġislazzjoni u l-oġġettivi eżistenti;
4. Jenfasizza li l-mobilizzazzjoni tal-grids intelliġenti tipprovdi wkoll opportunità biex tissaħħaħ il-kompetittività u t-tmexxija teknoloġika dinjija tal-fornituri tat-teknoloġija tal-UE, bħalma hija l-industrija tal-inġinerija elettrika u elettronika, magħmula l-iktar mill-SMEs;
5. Jenfasizza li l-infrastruttura tal-grids, l-immaniġġjar tal-grids u r-regoli tas-suq fil-preżent huma adattati għall-ħtieġiet u l-possibiltajiet ta' impjanti tal-enerġija li jaħdmu bl-enerġija nukleari jew bil-fossili u għalhekk jippreżentaw żvantaġġ għall-kompetittività ta'

teknoloġiji ġodda bħalma huma l-enerġiji rinnovabbli;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tneħħi l-ostakli ewlenin li huma: in-nuqqas ta' interoperabbiltà u standards (is-sistemi standardizzati li tqabba u tuża jnaqqsu l-ispejjeż u jippermettu konnettività wkoll għar-Riżorsi tal-Enerġija Distribwiti żgħar - DERs (jew applikazzjonijiet DR żgħar); l-inċertezza dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet f'applikazzjonijiet ġodda tal-grid intelliġenti; l-inċertezza dwar il-kondiviżjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji u konsegwentement dwar mudelli ġodda ta' negozju; ir-reżistenza mill-konsumatur biex jipparteċipa fi provi; il-firxa ta' arranġamenti regolatorji fl-Ewropa tista' tippreżenta ostakli sinifikanti biex jiġu replikati riżultati ta' proġetti f'pajjiżi differenti;
7. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' infrastruttura ġdida, modernizzata, intelliġenti u flessibbli tal-enerġija fuq il-livelli kollha tal-grids, speċjalment il-grids intelliġenti, sabiex tingħata kapaċità ta' enerġija aktar flessibbli ta' back-up u bilanċ, inklużi l-mikroġenerazzjoni individwali u s-sistemi ta' ħżin, użijiet ġodda tal-elettriku (bħall-vetturi tal-elettriku) u programmi ta' rispons għad-domanda; jenfasizza li jeħtieġ li tiġi żgurata kooperazzjoni akbar tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u involviment b'saħħtu, trasparenti, ikkoordinat u f'waqt tad-diversi partijiet interessati kollha fl-estensjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-enerġija; jilqa' l-enfasi b'saħħitha mqiegħda fuq proġetti tal-enerġija intelliġenti ta' interess komuni fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, filwaqt li jiddispaċi li żewġ proġetti biss ta' grids intelliġenti ġew inklużi fil-lista biennali attwali; jenfasizza li l-proġetti ta' grids intelliġenti fil-livell tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiġu kkunsidrati; jenfasizza li l-proġetti infrastrutturali għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-kompetittività u jridu jkunu bbażati fuq approċċ integrat li jiżgura l-involviment tal-operaturi tan-netwerks tad-distribuzzjoni; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu żviluppati konnessjonijiet tal-enerġija bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-Mediterran;
8. Jinnota li inċertezza persistenti dwar il-każ tan-negozju għal applikazzjonijiet ta' grid intelliġenti u l-kondiviżjoni ta' spejjeż u benefiċċji fost il-parteeċipanti hija fattur li jillimita l-investimenti privati;
9. Jenfasizza li l-finanzjament għad għandu rwol kruċjali fl-istimolu ta' investment privat fi proġetti ta' R&Ż u dimostrazzjoni ta' grids intelliġenti;
10. Ifakkar li fil-biċċa l-kbira tax-xenarji tal-Pjan Direzzjonali tal-Enerġija għall-2050, l-integrazzjoni xierqa tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli distribwita ma tkunx possibbli mingħajr l-iżvilupp ta' grids intelliġenti tad-distribuzzjoni lokali u reġjonali għall-elettriku peress li jiġġeneraw rabta ta' informazzjoni u rabta fil-provvista tal-enerġija bejn iż-żoni lokali tal-iżvilupp soċjoekonomiku, li jippermettu ġestjoni flessibbli u l-back-up neċessarju għal dawk is-sorsi tal-enerġija li jvarjaw, u għalhekk jitlob li aktar importanza tingħata lin-netwerks tad-distribuzzjoni; jisħaq, madankollu, li l-iżvilupp ta' grids intelliġenti jirrigwarda t-trasport effiċjenti tal-enerġija bl-anqas ammont ta' telf jew ħela mis-sit tal-produzzjoni għas-sit tal-użu finali; madankollu jżid li l-valur miżjud tal-grids intelliġenti huwa ferm aktar b'saħħtu peress li jikkomunikaw fuq skala usa' – nazzjonali u saħansitra anke Ewropea – u l-kontroll tad-domanda għall-enerġija f'dan il-livell, billi tinxtred id-domanda, jagħti lok għal opportunitajiet għat-tħassir tal-konsum (tas-sorsi tal-konsum) meta l-ġenerazzjoni tkun baxxa wisq (jew għolja wisq);
11. Jappella għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' grids intelliġenti fil-livell Ewropew,

nazzjonali u reġjonali; jemmen li l-grids intelliġenti joffru opportunità unika biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, lir-riċerka u l-iżvilupp, lill-ħolqien tal-impjegi u lill-kompetittività tal-industrija Ewropea fil-livell lokali u reġjonali, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-SMEs;

12. Jitlob lill-Istati Membri jikkooperaw aktar u jaqsmu l-aħjar prattiki fil-forum CEER dwar ir-regolament ta' DSOs nazzjonali; filwaqt li jinnotta d-diversità tal-organizzazzjoni tad-DSOs, fejn xi Stati Membri għandhom DSO unika waqt li oħrajn għandhom aktar minn 800, iħeġġeġ lill-Istati Membri jaħdmu aktar mill-qrib flimkien; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaqblu dwar klassifikazzjoni unifikata ta' jekk organizzazzjoni hix operatur ta' trażmissjoni, operatur ta' distribuzzjoni jew operatur kombinat;
13. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk jeħtiġx li tressaq proposti, bi qbil mat-tielet pakkett tas-suq intern tal-enerġija, għall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' grids intelliġenti tal-elettriku, minħabba li l-implimentazzjoni tiegħu, li jeħtieġ li tkompli tkun iggarantita permezz ta' azzjoni effettiva mill-Kummissjoni, minħabba li dan jippermetti dejjem aktar l-involvement ta' aktar parteċipanti fis-suq u jaġhtu spinta lis-sinerġiji potenzjali tal-użu, l-iżvilupp u l-manutenzjoni f'kull parti tan-netwerks tat-telekomunikazzjonijiet u tal-enerġija; jenfasizza, madankollu, li dawn il-proposti jridu jiġu integrati f'qafas regolatorju armonizzat u razzjonalizzat, skont il-prinċipji stabbiliti mill-Kummissjoni;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi biex tħaffef it-tħaddim tal-grids intelliġenti u biex tiffoka fuq l-aspetti li ġejjin: l-istimulu ta' incenċivi ta' investiment u finanzjarji f'dan il-qasam; l-iżvilupp ta' standards tekniċi; l-iżgurar tal-protezzjoni tad-data għall-konsumaturi; il-ħolqien ta' qafas regolatorju sabiex ikun hemm incenċivi għat-tħaddim tal-grids intelliġenti; l-iżgurar ta' suq tal-konsumatur li jkun miftuħ u kompetittiv fl-interess tal-konsumaturi; l-għoti ta' appoġġ kontinwu għall-innovazzjoni għat-teknoloġija u s-sistemi.
15. Ifakkar li l-grids intelliġenti m'għandhomx ipoġġu piż finanzjarju fuq il-konsumaturi iżda għandhom ikunu ta' benefiċċju għalihom billi jagħtuhom informazzjoni li faċli tintuża billi jagħtuhom il-kapaċità li jimmaniġġjaw il-konsum, u l-produzzjoni tal-enerġija tagħhom u li l-iffrankar tal-enerġija għandu jiġi rifless fil-kontijiet finali tagħhom; ifakkar li d-deċiżjonijiet tal-utenti huma ggwidati mit-tariffi tal-użu tal-netwerks, u għalhekk sinjal tal-prezz aġġustat jista' jintuża biex titħaffef u tiġi kkoordinata t-tranżizzjoni enerġetika;
16. Jenfasizza r-rwol tal-grids intelliġenti li jippermettu l-komunikazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-produtturi u l-konsumaturi tal-enerġija; jenfasizza li huwa essenzjali li jkun hemm protezzjoni solida tad-data personali, inkluża l-protezzjoni tal-privatezza personali u tal-libertajiet individwali, kif ukoll informazzjoni disponibbli faċilment għall-konsumatur; jinnotta li "miters" intelliġenti ta' spiss huma mfixkła ma "grids" intelliġenti u li grid intelliġenti, minbarra li jiżgura s-sigurtà tal-provvista, jippermetti suq tal-enerġija aktar intelliġenti, li jippermetti bidla fundamentali fil-mod kif l-enerġija tiġi prodotta u kkunsmata; jitlob evalwazzjoni akbar ta' dan il-qasam u riċerka ulterjuri dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data;
17. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal regolament u prattika mtejba dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-data meta jiġu installati sistemi ta' metraġġ intelliġenti; jenfasizza li l-iżgurar ta' protezzjoni tad-data u privatezza tad-data għall-individwi kollha u djar mqabbdin mal-grid

huwa kruċjali għall-funzjonament u t-tnedija ta' grids intelliġenti; jisħaq li d-data miġbura għandha tintuża biss għall-iżgurar tas-sigurtà ta' provvista tal-elettriku; jistieden lill-Istati Membri jinfurzaw regoli għall-protezzjoni tad-dejta u jiddefendu d-drittijiet tal-individwi f'dan il-qasam;

18. Jitlob lill-Kummissjoni toħroġ aktar gwidi dwar l-użu tad-data dwar grids intelliġenti personali u mhux personali fid-dawl tal-leġislazzjoni riveduta tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u r-regoli miftiehma dwar is-sjieda u l-immaniġġjar ta' din id-data minn DSOs, fornituri u korpi kummerċjali oħra;
19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex idaħħlu u joħlqu inċentivi finanzjarji għall-investiment fis-soluzzjonijiet tal-ICT bħalma huma l-grids intelliġenti, bil-għan li joħlqu suq ta' produtturi-konsumaturi.
20. Jenfasizza l-importanza, meta jitqiesu l-aspetti tekniċi tal-grids intelliġenti, tal-informazzjoni u l-edukazzjoni tal-utenti biex isiru produtturi-konsumaturi infurmati u konxji tal-opportunitajiet mogħtija minn dawn il-grids, partikolarment f'dak li jikkonċerna r-rabta tagħhom mal-miters intelliġenti; jenfasizza l-importanza li din l-edukazzjoni tingħata liż-żgħażaġħ permezz ta' programmi edukattivi għall-attenzjoni ta' studenti tal-edukazzjoni sekondarja u professjonali;
21. Jiġbed l-attenzjoni għall-inizjattivi li l-EIT qiegħda tfittex fil-KIC InnoEnergy għar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tal-grids intelliġenti u t-taħriġ tal-professjonisti f'dan is-settur; jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, f'dan il-kuntest, għall-ambitu l-ġdid għall-istabbiliment ta' Skemi ta' Innovazzjoni Reġjonali (RIS), kif iffaċilitat mill-EIT fil-perjodu 2014-2020;
22. Jinnota li f'xi Stati Membri, komunitajiet rurali jbatu minn qtugħ fid-dawl u kwistjonijiet oħra minħabba netwerks mhux miżmuma tajjeb biżżejjed jew investimenti insuffiċjenti; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta miżuri speċjali biex tiżgura li l-grids intelliġenti jilhq u l-komunitajiet rurali; jinnota, madankollu, li l-aġġornament u ż-żamma ta' infrastruttura bażika tal-enerġija għandhom ikompli f'żoni li x'aktarx ma jkunux ta' prijorità għat-tnedija ta' grids intelliġenti;
23. Ifakkar fil-Mandat ta' Standardizzazzjoni tal-2011 għall-appoġġ tat-tnedija tal-Grid Intelliġenti Ewropew li kellu jlesti x-xogħol tiegħu sal-2012; jilqa' l-prograss li sar taħt dan il-mandat iżda jisħaq li huwa meħtieġ aktar xogħol; jitlob lill-Kummissjoni timpenja ruħha mal-korpi ta' standardizzazzjoni biex titħaffef it-tlestija tax-xogħol tagħhom u toħroġ mandat ġdid jekk tqis li dan ikun meħtieġ;
24. Jinnota l-importanza tal-konċentrazzjoni tematika "ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" kif segwita mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, b'mod li 20 % ta' dan il-finanzjament se jiġi investit fit-tranżizzjoni tal-enerġija, b'aktar fokus fuq il-grids intelliġenti;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	28.11.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 51 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Ivo Belet, Jan Březina, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Vicky Ford, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Rachida Dati, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Gunnar Hökmark, Ivailo Kalfin, Seán Kelly, Holger Krahmer, Werner Langen, Zofija Mazej Kukovič, Alajos Mészáros, Markus Pieper, Vladimír Remek, Silvia-Adriana Țicău
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Carl Schlyter